## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR RACHEL AQUILINA) V. KEITH TESTA (KI. 901L)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27/02/2024**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjoni/jiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat/a:

Taħrika ta' Kawża: **PULIŻIJA** Lil: **KEITH TESTA (901L)** Vettura: **LCU784 TOYOTA**
Billi int akkużat talli fid-data, ħin u post hawn imsemmi
Data u Ħin: **Nhar it-08/03/2020 ghal habta ta`22:30hrs**

Post: **Triq l- Inkurunazzjoni** Lokalita': **BORMLA**

**(1) Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnek jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni** ( Kap 104 Artiklu 3 (1) )

**(2) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenza tas-sewqan** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

**(3) Meta kont involut f`incident tat-traffiku, li kien jinvolvi offiza fuq persuna ohra jew giet kkagunata hsara lil xi vettura, annimal jew proprjeta ohra, nqast li tieqaf u taghti l-isem u l-indirizz tieghek, u/jew informazzjoni tas-sid tal-vettura, d-dettalji tal-assiguratur kif ukoll il-marka ta` registrazzjoni tal-vettura lill ufficjal tal-Pulizija, Gwardjan Lokali jew lil persuna li jkollha raguni bizzejjed li titlob li jsir hekk** ( LS 65.11 Artiklu 67 (1) )

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 241 Elaine Cassar (*affidavit)* u Stephen Cachia għal Transport Malta *(affidavit*),

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

**Il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni fuq nuqqas ta' provi wara li rat l-artikolu tal-liġi ossia l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 u l-Art. 15(1)(a) (sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan) tal-Kap. 65, issibu ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed u tnejn iżda wara li ħadet kunsiderazzjoni tal-fatt illi l-imputat kien għadu minorenni fid-data tar-reati (iżda kien għalaq sittax-il sena) qegħda bl-applikazzjoni ta' tnaqqis ta' grad fil-piena, tikkundannah iħallas ammenda komplessiva fl-ammont ta' mitt euro (€ 100) liema multa tista' titħallas ratealment f'disgħa pagamenti mensili u ugwali. B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u l-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tlettax-il xahar.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |